Il-Bord ta' L-Appelli Dwar It-Turizmu

Rahuma Mabrouk

vs

L-Awtorita tat-Turizmu ta' Malta

(Kaz numru 58 ta' l-2011)

19 ta' Ottubru 2011

Il-Bord

Ra l-appell ta' l-appellant rigward id-decizjoni ta' l-Awtorita Tat-Turizmu ta' Malta ('l-Awtorita') tad-9 ta' Gunju 2011 permezz ta' liema avviz l-Awtorita infurmat lill-Jeffrey Azzopardi, Rita Azzopardi, Carlo Azzopardi, Adelina Azzopardi, Alfred Azzopardi, Lucia Azzopardi, Rosaria Maria Azzopardi, Joe Vella u Carmen Vella illi fit-9 ta' Gunju 2011 u fix-xhur precedenti l-istabbiliment Al Pacino Restaurant f'Wilga Street Paceville kien qed jigi operat minghajr licenzja valida, u li ghaldaqstant l-istess stabbiliment ma setghax ikompli jintuza sakemm ma tinharigtx licenzja valida;

Ra t-talba preliminari ta' Jeffrey u Rita Azzopardi li intervjenew fil-kawza bhala parti interessata fejn eccepew illi l-appellant m'ghandux interess giuridiku;

Ra d-dokumenti kollha esebiti mill-partijiet in konnessjoni ma' tali eccezzjoni;

Sema' lill-partijiet jittrattaw din l-ewwel eccezzjoni;

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet pprezentati mill-partijiet in konnessjoni ma' l-istess;

Ikkunsidra;

Illi Rahuma Mabrouk kien qed jopera l-lok Al Pacino, Wilga Street, Paceville permezz ta' kuntratt ta' kirja li huwa ghamel ma' Eleanor Attard li kellha titolu indirett mis-sidien fir-rigward ta' l-istess lok;

Illi saret applikazzjoni sabiex il-licenzja mahruga mill-Awtorita tat-Turizmu fir-rigward tal-lok in kwistjoni tigi trasferita u peress illi tali trasferiment ma sehhx, l-Awtorita ma gedditx il-licenzja ghall-lok in kwistjoni u nnotifikat lis-sidien tal-lok b'dan, permezz ta' l-ittra tad-9 ta' Gunju hawn fuq imsemmija;

Illi l-appellant li kien f'dak il-waqt qed jiggestixxi l-lok in kwistjoni appella mid-decizjoni ta' l-Awtorita hawn fuq imsemmija;

Illi Jeffrey u Rita Azzopardi uhud mis-sidien tal-lok in kwistjoni, qed jopponu ghal dan l-appell, preliminarjament peress illi skond huma l-appellant ma kellux interess guridiku peress illi m'ghandu ebda titolu ghall-fond in kwistjoni;

Illi jidher mix-xhieda lis-sidien l-ohrajn kollha ghandhom pjacir b'Rahuma Mabrouk u li dan ikompli jopera l-fond in kwistjoni;

L-appellant jghid illi huwa ghandu titolu ta' kirja derivanti mis-sidien u li din il-kirja tirrizulta mill-kuntratt tal-15 ta' Gunju 2006, u liema kirja ghadha valida abbazi ta' l-artikolu 1527(3) u 1530(1) tal-Kodici Civili. Inoltre huwa jghid illi l-appell quddiem dan il-Bord jista' jsir minn kull persuna, u dan abbazi ta' l-artikolu 14(1) tal-Kap 409 u ghaldaqstant m'hemmx bzonn li l-appellant jipprova interess guridiku bhal f'kawza Civili;

L-Awtorita fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, tghid illi l-artikolu 14(1) tal-Kap 409 tintilota lil kull persuna li thoss ruhha aggravata b'decizjoni ta' l-Awtorita taghmel appell quddiem dan il-Bord, u li ghaldaqstant sabiex isir appell m'hemmx bzonn li persuna tipprova titolu jew konnessjoni jew rabta formali mal-fond in kwistjoni. Tghid ukoll li jidher li mhix ikkontestat mill-partijiet li l-appellant kien jopera l-fond meta gie notifikat l-Avviz ta' l-Infurzar, u li ghaldaqstant gie effettwat fl-operat tieghu. Hija ghaldaqstant tghid li l-appellant ghandu jinghata opportunita sabiex jaghmel dan l-appell;

Illi Jeffrey Azzopardi jissottometti lli l-appellant ma ghandu ebda titolu ghall-post in kwistjoni ghaliex kwalunkwe titolu li hu seta' kellu skada fl-ahhar ta' Dicembru 2010. Huwa jghid illi fic-cirkostanzi ghandhom japplikaw l-artikoli 1527(3) u 1531A tal-Kodici Civili li ma jaghtu ebda titolu lill-appellant li jghid li ghandu kirja fuq il-fond in kwistjoni. Inoltre huwa jghid li interesss guridiku bil-fors irid ikun hemm, ghaliex altrimenti jista jappella kulhadd minn kwalunkwe decizjoni ta' l-Awtorita, bil-konsegwenza li tigi abbuzata s-sistema legali;

Fit-termini ta' l-artikolu 14 (1) ta' l-Att ghas-Servizzi ta' l-Ivvjaggar tat-Turizmu ghal Malta (Kap 409 tal-Ligijiet ta' Malta):

'Il-Bord ikun kompetenti –

(a) Li jisma'u jiddeciedi appelli maghmul minn xi persuna li thoss ruhha aggravata b'decizjoni ta' l-Awtorita li tichad milli taghti jew iggedded, jew li tirrevoka, jew tissospendi licenza; jew li timponi kondizzjonijiet, limitazzjonijiet jew eskluzjonijiet f'licenza;

(b) ...

Huwa car minn dan l-artikolu li appell jista jsir minn kull persuna li thoss ruhha aggravata b' decizjoni ta' l-Awtorita. Ghaldaqstant wiehed jista jappella minn decizjoni ta' l-Awtorita ghalkemm din ma tkunx indirizzata lilu, sakemm wiehed jipprova li huwa jinsab aggravat b tali decizjoni;

Jirrizulta lli l-appellant kien qed jopera l-fond in kwistjoni qabel ma harget id-decizjoni ta' l-Awtorita tad-9 ta' Gunju 2011 li minnha qed isir dan l-appell, u li ghalhekk l-istess decizjoni fil-fatt affettwat l-istess operat ta' l-appellant;

Inoltre, dan il-Bord m'ghandux kompetenza jiddeciedi x'titolu ghandu l-appellant fuq il-post ghaliex din hija materja tal-Qrati Civili u tribunali ohra appuntati ghal dan l-iskop, u ghaldaqstant ma jistax jidhol fil-mertu jekk hemmx kirja jew le fuq il-fond in kwistjoni. Minkejja dan, jirrizulta car, illi l-appellant kien fil-fatt qed jopera l-lok in kwistjoni ukoll meta nhareg l-Avviz ta' Infurzar, u mhux kontestat li dan kien qed jaghmlu validament sal-31 ta' Dicembru 2010. Jidher ukoll, li ukoll illum il-gurnata, l-appellant ghadu jokkupa l-post, u dan bil-benedizzjoni ta' xi uhud mis-sidien, ghalkemm mhix kollha;

Ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija, l-aggravju ta' l-appellant jirrizulta car u manifest, u dan il-Bord ihoss li ghaldaqstant l-appellant ghandu l-interess mehtieg sabiex jaghmel appell ai terminai ta' l-artikolu 14(1) tal-Kap 409 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Bord ghalhekk qed jiddisponi minn din l-ewwel eccezzjoni billi jichad l-istess u ser jghaddi sabiex ikompli jisma l-appell fil-mertu.

Il-Bord jirriserva d-dritt li jiddisponi dwar id-drittijiet dovuta taht ir-Regolamenti ta' l-2002 dwar id-Drittijiet ghat-Turizmu (Avviz Legali numru 125 ta' l-2002) fir-rigward ta' din l-eccezzjoni fi stadju ulterjuri.

Av. Lorraine Conti Is-Sinjur Gaetano Cristina Il-Perit Joanna Spiteri Staines

Julian Zarb, Segretarju